# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88/7

It-Tlieta 01 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

88.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (87/7 [11/07/17]);

88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

88.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

88.5 Rapporti;

88.6 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana - progress;

88.7 Estensjoni tal-Librerija G. Zammit/Life Long Learning Centre - progress;

88.8 Resurfacing u xogħlijiet oħra f'parti minn Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja;

88.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

88.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**88.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

88.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**88.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (87/7 [11/07/17)**

88.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u li kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Fuq proposta tas-Sindku u li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku dawn l-istess minuti ġew approvat nem con.

**88.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

88.3.1 Xogħol ta' *patching* fi Triq R. Caruana, Triq V. Pasmore, Triq F. Castagna u wara l-grawnd tal-futbol biswit il-Palazz ta' Bettina.

Is-Sindku qal li fi Triq R. Caruana żviluppat problema billi sfrondat parti mit-triq u li l-ħsarat mhux faċli li tkun taf kemm huma kbar. Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward hemm bżonn ta' testijiet minn persuni kwalifikati u bl-istrumenti meħtieġa.

Is-Sindku qal li dwar dan il-*patching* fit-toroq fuq imsemmija hemm bżonn ta' 100 borża asfalt u xi 3 landi *sealer*.

Il-Kunsill approva dak li qal is-Sindku.

88.3.2 BBQ fil-pjazza tal-Gudja, il-Ġimgħa 04 t'Awwissu 2017. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġie avviċinat mid-diriġenti tal-Gudja United Football Club sabiex jorganizzaw l-BBQ annwali. Il-Kunsill qabel li joħroġ il-permess soġġett għall-osservanza kompluta tal-liġi.

**88.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

88.4.1 Kont tad-dawl dwar il-Ġnien tax-Xlejli. Is-Sur Sammut stqarr li meta sar jaf li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qata' l-flus ta' €4750.00 li hija 50% ta' dan il-kont u li l-50% l-oħra kienu sejrin jinqatgħu fil-futur, huwa flimkien ma' kunsilliera oħra stagħġbu mhux ftit u dan minħabba l-fatt li s-Sindku kif afferma lill-Kunsill f'diversi okkażjonijiet kien qed jinsisti li l-Kunsill ma kienx sejjer iħallas dan il-kont u l-affarijiet kienu sejrin jerġgħu lura bħal dak li kien qed iseħħ fi spazji oħra miftuħa fejn id-dawl huwa konsidrat bħala *street lighting* u ma jitħallasx mill-Kunsill.

B'dak li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali deher ċar li s-Sindku ma kellu l-ebda ftehim li dan il-kont ma jitħallasx u għalhekk is-Sindku kien qed jagħti informazzjoni ħażina lill-Kunsill.

Is-Sindku qal li huwa ma kienx qed jaqbel lil d-dawl ta' dan il-ġnien jew f'xi post pubbliku ieħor jinqaleb f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa kien diġà għamilha ċara dwar dan u li kien bagħat ittra liċ-Ċermen tal-ARMS sabiex jirrifjuta dan il-kont jew kontijiet oħra.

Saret diskussjoni fejn deher ċar li ħadd ma kien qed jaqbel li l-Kunsill jaċċetta jew jidħol f'xi forma ta' kompromess peress li dan ma kienx fl-interess tal-Kunsill u li kien inġust li l-Kunsill iħallas għal lok pubbliku meta dan ma kienx devolut lill-Kunsill u fejn il-Kunsill qatt ma ġie konsultat jew iffirma xi dokument li dan il-kont jgħaddi f'isem il-Kunsill.

Is-Sur Caruana stqarr li fil-fehma tiegħu kien qed isiru tattiċi li jinqata' d-dawl għal xi żmien bil-għan li jisfurzaw l-id tal-Kunsill sabiex jaċċetta l-kont filwaqt li s-Sindku kien qed jistqarr li dawn kienu ħsarat u b'hekk kien qed jinqata' d-dawl għal xi ftit jiem.

Is-Sur Caruana qal issa b'dak li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li ħallas il-kont mill-fondi tal-Kunsill, id-dawl mhux sejjer jinqata' u juri li dak li kien qal is-Sindku mhux veritier.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda illi :

Kif huwa ċar indikat fl-ittri tal-Kunsill; waħda fl-24 ta' Marzu 2017 u l-oħra riċenti dik tal-04 ta' Lulju 2017, il-Kunsill qatt ma aċċetta li għandu jitħallas dan il-kont u dan huwa spjegat sewwa fiż-żewġ ittri. Il-Kunsill iħoss illi f'dawn iċ-ċirkustanzi qed tintuża id iebsa u mhux raġonevoli u b'hekk jitlob li ma jinqata' l-ebda ammont għaliex iħoss u konvint li dan l-ammont mhux dovut mingħand il-Kunsill.

88.4.2 Bins għal ġbir tal-ħmieġ tal-klieb fl-inħawi tal-Qalb ta' Ġesù. Is-Sur Sammut stqarr li hemm bżonn li titpoġġa bin għal dan il-għan u li tiġi mantnuta kemm mill-kennies kif ukoll mill-impjegati tal-ELC li jieħdu ħsieb il-ġonna. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

88.4.3 *Parking bays* fi Vjal it-Torri (fil-parti t'isfel) fil-viċinanzi tal-iskola tas-sorijiet. Is-Sur Sammut qal li kien qed jiġi avviċinat dwar il-ħtieġa ta' dawn il-kaxxi sabiex ikun hemm ipparkjar aħjar u ordinat f'dawn l-inħawi li huma ferm frekwentati.

Is-Sindku wieġeb li meta jkun hemm kaxxi tal-parking dejjem jitnaqqsu l-ispazju tal-parkeġġ. Is-Sindku qal li meta jsiru l-*parking bays* (għalkemm dawn ikun hemm talba dwarhom) il-parking jitnaqqas b'25%.

Is-Sur Sammut qal li jekk jiġri hekk allura kien sejjer jaqbel li dawn ma jsirux iżda għandu jkun hemm aktar ordni dwar il-*parking* f'dawn l-inħawi.

88.4.4 Katusa fuq barra bil-bidu ta' Triq Sta Katarina li tmiss ma' Triq R. Caruana. Is-Sur Sammut qal li din il-katusa li dwarha kien ġie infurmat għandha hemm u filwaqt li tista' wkoll tinkiser bi kwalunkwe inċident qed ukoll tmur kontra l-ambjent tal-inħawi. Is-Sindku wieġeb li din kienet kwistjoni tal-PA/ERA u li l-Kunsill jista' biss jiġbed l-attenzjoni tal-PA/ERA. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien diġà tkellem mas-sid tal-post dwar il-ħtieġa li din il-katusa titneħħa jew li tersaq sabiex filwaqt li ma tkunx soġġetta għal periklu ma tkunx qed tkerrah l-ambjent.

88.4.5 Kamra fejn qabel kienet il-lok tal-kenniesa fit-tarf ta' Triq il-Fidwa ma' Triq San Mark. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li l-kantuniera ta' din il-kamra tidher li ntlaqtet minn xi vettura u tinsab fi stadju perikoluż. Is-Sindku wieġeb illi kien sejjer jara dwar dak li ġara u jsir ix-xogħol meħtieġ sabiex jitneħħa kull periklu u li seta' kien jeżisti.

88.4.6 Xogħol fi Vjal l-Avjazzjoni. Is-Sur Caruana qal li kien qed isir xogħol ta' twessiegħ tat-toroq liema xogħol jista' wkoll joħloq periklu peress li tneħħa kull possibilità ta' bankina. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jitlob lit-TM li jkun hemm ħarsien għall-*pedestrians* li jagħmlu użu minn dawn l-inħawi.

88.4.7 Protezzjoni tal-menħir u affarijiet oħra ta' wirt storiku fil-bidu ta' Vjal l-Avjazzjoni/Dawret il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li dawn jiġu protetti u apprezzati speċjalment meta x-xogħlijiet tat-twessiegħ tat-triq jersqu jew javviċinaw lejhom. Il-Kunsill qabel li jikteb u jinforma lit-TM dwar dan u jeżiġi li ssir il-protezzjoni meħtieġa u li jkun hemm ambjent aħjar.

88.4.8 Armar ta' mwejjed u siġġijiet waqt il-ġranet tal-festa ta' Santa Marija. Is-Sur Caruana qal li fuq esperjenza tas-snin preċedenti l-każini jkunu jistgħu

jarmaw mingħajr ma jħallsu xi tariffa iżda jeħtieġu l-permessi relattivi. Il-Kunsill ikkonferma li l-proċedura għandha tkun kif segwita fi snin preċedenti.

88.4.9 Servizz ta' gwardjani lokali waqt il-marċ tal-banda konġunta f'Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2017. Is-Sur Caruana stqarr li waqt dan il-marċ ma kienx hemm gwardjani lokali tal-LESA sabiex iħarsu l-bandisti u li jkun hemm ordni u ħarsien meħtieġ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għamel l-applikazzjoni mal-LESA u l-Kunsill kien mwiegħed li jingħata s-servizz ta' żewġ gwardjani. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill diġà ġibed l-attenzjoni tas-Sur Zammit CEO tal-LESA dwar dan. Il-Kunsill insista mal-LESA li fil-futur nuqqas bħal dan ma għandux jirrepeti ruħu għaliex għall-Kunsill il-ħarsien u sigurtà għandha importanza massima.

88.4.10 Bukkett ta' Santa Marija. Is-Sur Caruana staqsa lis-Sindku jekk huwa kienx se jattendi għall-attività tat-tlugħ ta' Santa Marija fuq il-pedestall. Huwa wieġeb li ma setax jattendi għal din l-attività u għalhekk is-Sur Caruana offra li jtella' huwa l-bukkett tal-fjuri f'isem il-Kunsill għal din l-okkażjoni.

**88.5.0 Rapporti**

88.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Servizzi pubbliċi matul il-granet tal-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino fakkar dwar l-importanza li kemm il-knies, kif ukoll il-ftuħ tal-latrini għandhom ikunu disponibbli u jitħaddmu f'ħinijiet itwal mis-soltu sabiex tinżamm l-indafa ġewwa l-Gudja.

   Il-Kunsill qabel li dawk responsabbli għandhom jiġu avżati dwar din il-ħtieġa u b'hekk ikun hemm il-kordinazzjoni u l-provedimenti tas-servizzi kif ikun meħtieġ.

b. Xogħol ta' ameljorament fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill qed isegwi l-progress u jidher li l-permessi sabiex jibdew dawn ix-xogħlijiet sejrin joħorġu mill-PA fi żmien qasir.

88.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. F'dan l-istadju s-Sur Sammut stieden lis-Sa. Camilleri sabiex tindirizza lill-Kunsill dwar il-ħidma u s-suċċess li kien kiseb il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill ġie ppreżentat bit-test ta' ftehim bejn l-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Lokali dwar il-proġett li jikkonsisti Ġnien iż-Żgħażagħ KLZ2017/05.

   Il-Kunsill qabel li jimxi mal-ftehim u jiffirma dan il-ftehim kif ikun meħtieġ.

   Il-Kunsill kien sejjer jirċievi l-fondi sa massimu ta' 80% tal-ispejjeż tal-proġett. L-ispiża totali ta' dan il-kuntratt hija ta' €1845 li minnhom l-Aġenzija

Żgħażagħ se tħallas l-ammont ta’ mhux aktar minn €1476 filwaqt li l-Kunsill joħroġ €369.00.

Il-Kunsill b’mod unanimu wera l-apprezzament għal dak li kiseb il-Kunsill taż-Żgħażagħ u filwaqt li qabel li jagħti kull għajnuna meħtieġa wera wkoll ix-xewqa li dan il-proġett ikun mantnut li jkun jista’ jitgawda miż-żgħażagħ kemm fil-preżent kif ukoll fis-snin li ġejjin.

**Ħruġ mil-laqgħa** Sa. Camilleri talbet il-permess u l-Kunsill qabel li tħalli l-laqgħa fis-6.45pm minħabba impenji oħra.

88.5.3 WiFi f’diversi inħawi fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li huwa kien qed jaħdem sabiex fil-Gudja jkun hemm aktar postijiet bil-WiFi għall-użu tal-pubbliku.

88.5.4 George Fenech (Kunsillier)

a. Il-progress li sar u l-intenzjoni ta’ kif bi ħsiebu l-Kunsill jimxi bil-proċess fir-rigward tat-tieni edizzjoni tal-ktieb ‘Omm ta’ Bosta Wlied’.

Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellu mal-awtur Bertram Portelli nhar it-22 ta’ Lulju 2017. Is-Sur Fenech qal li l-punti prinċipali kienu dawn:

a. Ġie maqbul li l-Kunsill joħroġ is-somma ta €2,500 bħala spejjeż għall-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta Bosta Wlied II'

b. Ġie maqbul li għandha tinħareġ sejħa oħra, skont il-parametri tal-liġi fuq bejgħ/xiri minn entitajiet Governattivi (ePPS).

c. Ġie maqbul ukoll li għandu jitfassal 'Standards of Practice' (SOP) dwar parteċipazzjonijiet simili mill-KL fuq dawn il-livelli.

d. Għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub u maqbula minn kull min hu kkonċernat il-prattiċi u l-passi kollha minn qabel ta kif ser jimxi l-proċess kollu biex wara ma jkunx hemm diżgwid.

Il-Kunsill approva u kkonferma dak li qal is-Sur Fenech

88.5.4 €890.00 żbilanċ u rikjesta mis-Sur Loreto Dalli (l-awtur). Is-Sur Fenech ressaq quddiem il-Kunsill dak li talab is-Sur Dalli skont l-imejl tiegħu tat-23 ta’ Lulju 2017 li ġiet iċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha. Saret diskussjoni fejn intwera biċ-ċar li l-Kunsill mhux f’pożizzjoni li joħroġ aktar flus mill-fattura kif preżentata mill-BestPrint Ltd u mħallsa mill-istess Kunsill.

Il-Kunsill ma għamel ebda qliegħ minn din il-pubblikazzjoni tal-ktieb.

Fil-fehma tal-Kunsill, il-Kunsill onora u rrispetta l-obbligazzjonijiet kollha kif miftehma lejn l-awtur.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jagħti 60 ktieb ieħor gratis lill-awtur u kull dħul li jista' jikseb l-awtur minn dawn il-kotba jinżammu mill-istess awtur.

**88.6.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana – progress**

88.6.1 Din it-tema diġà ġiet ittrattata aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

**88.7.0 Estenzjoni tal-Librerija G. Zammit/*Life Long Learning Centre***

88.7.1 Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kontenut tal-abbozz tal-ftehim dwar l-użu ta' dawn iż-żewġt ikmamar li fil-preżent qed jintużaw bħala kmamar tal-imbarazz u għamara skartata tal-iskola.

Is-Sur Fenech fakkar li l-Kunsill kien qed jippjana l-investiment ta' €15000.00 jew aktar u għalhekk kien meħtieġ li l-Kunsill ikollu ftehim sod u approvat mill-awtoritajiet kompetenti.

Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill kien qed iħoss li t-talba sabiex iħallas is-somma ta' €500.00 fis-sena u li l-iskola iżżomm id-dritt li tittermina l-ftehim mingħajr raġuni żgur li ma kinux jagħmlu sens u għalhekk mhux aċċettabbli għall-Kunsill.

Is-Sur Fenech stqarr li l-Kunsill bagħat l-abbozz oriġinali kif kien ipprepara l-Kunsill u issa l-Kunsill kien qed jistenna li s-Sur Henry Cachia li jidher li huwa l-persuna inkarigata li jiffinalizza l-ftehim, jagħti r-risposta pożittiva għal dak li reġa' ssottometta l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Fenech u wera s-sogħba tiegħu li sab dan it-tfixkil meta dan ukoll kien qed ifisser li l-komunità tal-Gudja kienet qed tiġi mċaħħda inutilment mill-użu aħjar tal-proprjetà (skola) li għandha isservi aħjar lill-komunità u tassigura li jkun hemm aktar sostenn lil-librerija tal-lokal u fit-tixrid tat-tagħlim u taħriġ matul il-ħajja.

88.7.2 L-okkażjoni tal-Ktieb Teżor – Naqra Naqra. Is-Sur Fenech stqarr li din l-okkażjoni li sa żmien ilu tifforma parti mill-programm li jfakkar Jum il-Gudja din is-sena ġie limitat minħabba li l-Kap tal-Iskola kienet bagħtet l-ismijiet fil-11 ta' Lulju 2017 ftit minuti biss qabel bdiet din l-okkażjoni.

Il-Kunsill iħoss li l-atteġġjament tal-Kap tal-Iskola fil-konfront tal-ħidma tal-Kunsill hija kundanabbli u għandha tinbidel għaliex dan l-atteġġjament negattiv qed ikun ta' ħsara għall-komunità tal-Gudja.

88.7.3 Laqgħa mas-CEO tad-Dipartiment tal-Libreriji. Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret bejn id-Dipartiment lil-Librerija Pubbliċi (Sa. Falzon u Sa. Zammit) li fiha flimkien miegħu ħadu sehem is-Sindku u l-uffiċjali tal-Kunsill.

Is-Sur Fenech spjega kif is-CEO Sa. Falzon kienet sorpriża kif il-Kunsill kien qed jiġi trattat ħażin mill-Kap tal-Iskola meta l-istess Kunsill kien qed joffri u jħallas għas-servizz tal-librerija meta fl-iskola ma hemmx librerija tal-iskola.

Is-Sur Fenech stqarr li s-CEO Sa. Falzon kienet ferm sorpriża meta saret taf li l-Kap tal-Iskola kienet għalqet l-aċċess tal-iskola għal-Librerija meta l-Kunsill kien qed jagħmel l-aħjar arranġament sabiex it-tfal jidħlu fil-librerija akkompanjati mill-għalliema rispettivi tagħhom.

Is-Sur Fenech qal li s-CEO faħħret il-ħidma tal-Kunsill u wegħdet li kienet sejra taħdem dwar soluzzjonijiet ġusti sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli l-ħidma tiegħu fil-qasam tat-tixrid tal-qari, tagħlim u taħriġ matul il-ħajja.

Is-CEO wegħdet li hija kienet sejra tinforma l-awtoritajiet kompetenti sabiex ikun hemm aktar koperazzjoni fil-qasam tal-librerija u tixrid tat-tagħrif u tagħlim b'risq il-komunità kollha tal-Gudja.

**88.8.0** ***Resurfacing* u xogħlijiet oħra f'parti minn Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja**

88.8.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-kontenut tar-rapport ipprepara mis-Sur Kevin Borg Quantity Surveyor appuntat mill-Kunsill. Il-Kunsill ikkonsidra l-ħtieġa ta' rampa sabiex tagħmel is-sala tal-Parroċċa f'din il-parti tat-triq kif ukoll l-orjentazzjoni tal-passaġġ f'nofs din it-triq li jiffaċilità l-aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Il-Kunsill insista li x-xogħlijiet għandhom jassiguraw li ma jkunx hemm xi affarijiet li jikkawżaw inkonvenjent għal kull min ikun jiffrekwenta dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qabel li jidħol f'konsultazzjoni mal-Arċipriet dwar dak meħtieġ dwar ir-rampa għas-sala u jitlob lis-Sur Borg li jipprovdi xi *samples* u spjegazzjonijiet oħra dwar dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jistieden lis-Sur Borg sabiex filwaqt jippreżenta s-*samples* dwar il-materjal propost u tqegħid tiegħu, iwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li dan it-tieni rapport li juri nefqa ta' €79617.67 jifforma parti minn dawn l-istess minuti 'Dok A'.

**88.9.0** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

88.09.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 46/7 hekk kif ippreżentata u ppproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għall-ammont totali ta' €18,443.80. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**88.10.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

88.10.1 Restawr tal-insinja uffiċjali tal-Kunsill li jilbes is-Sindku f'okkażjonijiet uffiċjali. Il-Kunsill approva li din għandha tiġi bbanjata kif meħtieġ minn fornituri kompetenti għal dak meħtieġ.

88.10.2 Xogħol ta' restawr fuq is-Salib u l-menħir ta' Dawret il-Gudja, il-Gudja. Il-Kunsill approva li jitqabbad il-Quantity Surveyor is-Sur Kevin Borg sabiex jagħmel rapport dwar ir-restawr meħtieġ u stima u materjal sabiex isir restawr b'mod professjonali f'dawn il-munumenti u wirt storiku tal-Gudja.

88.10.3 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.30pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum _______________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |